MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 799/2002

**Louis u Agnes konjugi Borg, Michael u Maria Fatima konjugi Lawrence, Maria armla ta' Nicholas Bezzina f'isimha proprio u bhala prokuratrici tal-assenti Michael Bezzina u Ronald Bezzina.**

**-vs-**

**Francesco Bezzina, Guzeppa Glover, Antonio Busuttil, George Busuttil, Maria Psaila, Agnes Cassar, Marlene Borg, Eleonora**

**Bonello, Salvino Busuttil, Fr.Alex Busuttil, Anton Busuttil, Carmen Busuttil, Mariella Busuttil, Giuseppi Bonnici, Michael Bonnici, Tarcisio Bonnici, Maria Teresa Falzon, Emanuela Buttigieg, Carmelo Bonnici,**

**Agnes Aquilina, Mario Bonnici, Doris Sultana, Anthony Bezzina, John Bezzina, Marlene Magro, Henry Bezzina, Jaqueline Mangion, Jason Mangion, Stephen Bezzina u Matthew Bezzina.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-15 ta’ Lulju, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi b’kuntratt tal-11 ta’ Jannar, 1994 in atti Nutar Alexander Sceberras Trigona (Dok. A), l-istanti (barra Michael u Ronald Bezzina li wirtu lill-Nicholas Bezzina li miet ftit xhur ilu) akkwistaw minghand Joseph Gauci porzjoni raba’ ta’ Hax-Xluq, limiti tas-Siggiewi kif ahjar deskritta fl-imsemmi kuntratt Dok. A.

Illi b’ittra ufficjali tat-23 ta’ Lulju, 2001 (Dok. B), il-konvenuti allegaw u resqu pretensjoni fis-sens illi r-raba’ akkwistat mill-atturi bil-kuntratt precitat tappartjeni indivizament lilhom u konsegwentement l-kuntratt ta’ akkwist tal-11 ta’ Jannar, 1994 li bih l-atturi akkwistaw l-istess raba’ minghand Joseph Gauci ma ghandu ebda effett fil-konfront taghhom.

Illi nonostanti li l-atturi irrespingew din il-pretensjoni tal-konvenuti, l-istess konvenuti baqghu jippersistu fil-pretensjoni taghhom.

Illi l-atturi jridu jehelsu din il-pretensjoni.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. A tenur tal-Art. 403 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta tiffissa zmien sabiex il-konvenuti jressqu b’kawza l-

pretensjoni taghhom li l-art akkwistata mill-atturi bil-precitat kuntratt tal-11 ta' Jannar, 1994 hija taghhom; u

2. Fin-nuqqas ta' dan, jigi impedut lilhom li jagixxu qatt izjed ghal din il-pretensjoni.

Bl-ispejjes kompriza dawk tal-ittra tal-1 ta' Awissu, 2001 kontra l-konvenuti li minn issa qed jigu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fil-21 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha l-konvenuti ecepixxew:

1. Illi preliminarjament l-attrici Maria Bezzina ghandha taghti prova li hija prokuratrici ta' l-assenti Michael Bezzina u Ronald Bezzina.

2. Illi l-atturi jridu jaghtu prova li wara l-mewt ta' Nicholas Bezzina huma ottemperaw ruhhom mal-provvedimenti ta' l-Att ta' l-1993 dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti.

3. Illi l-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju 2001 saret ghal skopijiet ta' konservazzjoni ta' drittijiet u wkoll ghal finijiet ta' preskrizzjoni.

4. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-21 ta' Mejju 2003 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat.

Il-kawza odjerna hija wahda ta' jattanza fejn l-atturi qed jitolbu li jigi impost terminu biex il-konvenut jippresenta l-pretensjoni tieghu fir-rigward ta' proprjeta' fil-limiti tas-Siggiewi.

Qabel xejn fir-rigward tal-ewwel zewg eccezzjonijiet l-atturi jippresentaw id-dokumenti relattivi fir-rigward sija tal-prokuri u sija fir-rigward tad-dikjarazzjoni causa mortis (fol 22 u 23 u 38 rispettivament). Ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet gew sorvolati.

L-atturi qalu li wara li xtara l-proprjeta' imsemmija permezz ta' att ippublikat minn Nutar Alex Sceberras Trgiona fl-1994; il-konvenuti ippresentaw ittra ufficjali fit-23 ta' Lulju 2003 illi permezz taghha ivvantaw pretensjonijiet fuq l-istess art. Il-konvenuti qed isostnu li kull ma ghamlu u cioe' baghtu l-ittra ufficjali ghamluh bl-iskop illi jikkonservaw id-drittijiet taghhom u jinterrompu l-preskrizzjoni.

Qabel xejn irid jinghad li *prima facie* meta pretensjonijet isiru permezz ta' att li jirrispondi ghal pretensjoni simili ma jfissirx li

l-azzjoni ma tistax issir. Il-ligi kull ma tghid fl-artiklu 403 tal-Kap. 12 hu li l-pretensjoni tigi ivvantata permezz ta' *att gudizzjarju jew xort' ohra bil-miktub.*

Hu naturalment importanti li wiehed jesamina l-ittra ufficjali biex jara jekk il-konvenuti ghamlux xi pretensjoni fis-sens li trid il-ligi.

Fl-ittra ufficjali il-konvenuti qalu testwalment;

*Illi r-raba' ta' Hax-Xluq limiti Siggiewi tappartjeni indivisament lilhom u lilek Nikola Bezzina billi din l-ghalqa ipperveniet lilhom mill-eredita' ta' Nikola Bezzina u dan kif stabbilit fit-tielet artikolu tat-testment unica charta tieghu tal-11 ta' Jannar 1947.*
*...*
*Inoltre l-kuntratt tal-11 ta' Jannar 1994 li permezz tieghu inthom xtrajtu l-istess raba' minghand Joseph Gauci m'ghandhu ebda effett fil-konfront taghhom stante li l-imsemmi Joseph Gauci ma kienx it-titolari taghha.*

*Fic-cirkostanzi jekk zmien gimgha ma tersqux bonarjament biex tirrisolvu din il-kwistjoni il-mittenti jghaddu biex jirrivendikaw minghandkom l-istess raba' billi inthom ma stajtux takkwistaw ir-raba' meta di diritto din tappartjeni lilhom.*
*.. Din il-procedura qed issir ghall-finijiet tal-ligi.*

Ghalkemm il-ligi ma tghidx espressament, meta wiehed jesamina l-gurisprudenza jara li meta wiehed semplicement jiddefendi ruhu kontra l-pretensjonijiet ta' haddiehor ma jkunx hemm lok ghal din it-tip ta' kawza u dan ghal ragunijiet li huma cari meta wiehed jidhol fil-*mens legis* ta' azzjoni simili. Il-legislatur b'din it-tip ta' kawza kellhu f'mohhu li jillimita kemm jista' jkun pretensjonijiet li jistghu ikunu bla bazi b'mod
li min jaghmel il-pretensjoni bil-miktub jinghata zmien mill-Qorti biex jekk ghandhu jagixxi gudizzjarjament jaghmel dan

minghajr dewmien eccessiv u ma jibqax idejjaq lill parti l-ohra inutilment. Fil-fatt jidher li din l-azzjoni ghandha l-origini taghha fil-kamp kriminali fejn min kien idejjaq lil xi hadd b'allegazzjonijiet li setghu ikunu diffamatorji kien jigi impost lilhom zmien biex jaghmlu r-rapporti lill-awtoritajiet

inkella jigu kkundannati ghall hekk imsejjeh *perpetwu silenzju.*

Fil-kawza fl-ismijiet ***"Maria Dolores Vella vs Rosario Micallef"*** deciza fil-15 ta' Dicembru 1958 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili gie ritenut illi;

*.. biex ikun hemm lok ghal gudizzju ta' jattanza jehtieg li l-allegazzjoni tkun spontanja u mhux provokati, b'mod li jekk l-allegazzjoni issir ghall-konservazzjoni jew ghad-difiza ta' drittjiet minn persuna .. anke merament interpellata b'att gudizzjarju ma tikkostitwixix jattanza u ma taghtix lok ghar-rimedju eccezzjonali ta' jattanza.*

Imbaghad il-Qorti irreferiet ghal decizjonijiet ohra riportati fil-Volumi XXIII – 1 – 714 u XXXII – 1 – 645.

Ghalhekk importanti li wiehed jara x'ta' lok ghal din il-kawza. Jidher mid-deposizzjoni tal-konvenut li wara li mietet zija taghhom irrizultalhom li fil-wirt kien hemm il-proprjeta' in kwistjoni. Meta avvicinaw lill-atturi li jigu minnhom, dawn qalulhom li dik l-art xtrawha huma bil-kuntratt imsemmi. Qal li allura marru ghand l-Avukat (illum Imhallef) Philip Sciberras li fuq inkarigu taghhom baghat l-ittra ufficjali li ipprecediet il-kawza. Qal li l-iskop taghhom kien li jinterrompu l-preskrizzjoni. Dan ikkonfermah l-istess Imhallef Sciberras fl-affidavit tieghu.

Il-ligi ma tghid imkien li l-azzjoni tal-jattanza ma ghandhiex issir jekk il-konvenut ikollhu f'mohhu biss li jinterrompi l-preskrizzjoni. Jekk wiehed jinterpreta l-ligi hekk ikun qed jeskludi hafna cirkostanzi li fil-fatt iwasslu ghal azzjoni simili.

Infatti normalment l-attur jirrikori ghaliha ghaliex il-konvenut minflok jippresenta l-azzjoni proprja, jibqa' jibghat l-atti gudizzjarji u jhalli l-kwezit miftuh. Din il-Qorti kellha okkazzjoni tikkumenta fuq dan fil-kawza fl-ismijiet ***"Avukat Generali vs Dr Hugh Peralta nomine"*** (15 ta'

Dicembru 1997 – ikkonfermata fl-Appell) fejn qalet li ladarba ma kien hemm xejn x'iwaqqaf lill-konvenut biex jiftah il-kawza, hija kellha sbil-fors tinterpreta rigidament il-provvedimenti tal-ligi fir-rigward u tilqa' t-talba attrici.

Importanti li l-attur ikollhu l-pussess tal-oggett in kwistjoni u jidher mill-provi li l-atturi wara li xtraw l-art bil-kuntratt imsemmi ipposjeduha.

Jidher car ghalhekk illi r-rekwiziti kollha gew sodisfatti u t-talba attrici ghandha tigi akkolta.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-eccezzjonjiet tal-konvenuti u tilqa' l-ewwel talba attrici billi tiffissa terminu ta' tlett xhur illi fih il-konvenuti ghandhom iressqu b'kawza il-pretensjoni taghhom fuq l-art in kwistjoni.**

**Tirriserva illi tipprovdi dwar it-tieni talba u dwar il-kap tal-ispejjes wara li jghaddi dan it-terminu.**

**Tiddiferixxi l-kawza ghall-1 ta' Novembru ghall-informazzjoni ulterjuri.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------